

**Brussell, 31 ta' Ottubru 2025
(OR. en)**

14212/25

**INST 312
CMPT 19**

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar żewġ membri tal-Qorti tal-Awdituri**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

li taħtar żewġ membri tal-Qorti tal-Awdituri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu u r-Renju tan-Netherlands,

Wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Opinjonijiet ta' ... (għadhom ma ġewx ippublikati fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-mandat tas-Sur Stephanus Abraham BLOK ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025. Ir-Renju tan-Netherlands ippropona li huwa jerġa' jinħatar mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2032.
- (2) Il-mandat tas-Sa Joëlle ELVINGER ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025. Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu ppropona li hija terġa' tinħatar mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2032.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li s-Sur Stephanus Abraham BLOK u s-Sa Joëlle ELVINGER jinħatru fil-Qorti tal-Awdituri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura bħala membri tal-Qorti tal-Awdituri għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2032:

- Is-Sur Stephanus Abraham BLOK,
- Is-Sa Joëlle ELVINGER.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
